**Noti**

(1) Frans Farrugia (twieled 1939) qalli dawn id-dettalji waqt il-programm tiegħi fuq l-RTK Radio (21-XII-1994), fejn, waqt il-programm "Bejnietna" prodott minn Susan Mulvaney jien iddiskutejt strumenti tradizzjonali tal-Milied, u stedint lis-semmiegħa jikkummentaw fuq esperjenzi tagħhom. Din il-kitba hija traskrizzjoni tar-*recording* li żammejt.

(2) Kliem fil-parentisi jindika kliem li ma ntqagħlux fil-post, iżda daħħalthom jien wara li nkun iċċarajt xi punt mal-kelliem, u qalhom barra mill-kuntest. Puntini bejn xi kliem u frażijiet jindikaw tneħħija ta' kliem inċidentali.

(3) Mar-ritratt ta' missieru li ipprovdieli il-kelliem biex nikkupjah, kitibli: "Missieri kien jismu Ġużeppi Farrugia u jgħidulu *Il-Bużżu*, laqam li bih magħruf ma' Malta kollha. Twieled u dejjem għex Ħal Għaxaq. Miet fl-14-VIII-93 fl-età ta' 80 sena."

---

**Sħubija fil-Għaqda Maltija Tal-Folklor**

Kull min jinteressa ruħu fil-folklor jista' jissieħeb f'din l-Għaqda. Il-ħlas huwa biss Lira Maltija fis-sena, iżada min jidħol l-ewwel darba iħallas ukoll lira għar-reġistrazzjoni. Il-bullettin tal-Għaqda, "L-IMNARA" li jiħi pubblikat darba fis-sena, ma jinbihx fil-ħwienet, iżda jintbagħat biss lil membri li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti, jiġifieri il-membri effettivi. Il-lista tal-membri effettivi, (li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti) qed tidher f"L-IMNARA").

Kopji ta' L-IMNARA imorru ukoll, skond il-liġi, fil-libreriji nazzjonali ta' Malta u Għawdex, iżda tmur ukoll fil-Librerija ta' Belt-Is-Sebh u l-librerija tal-Mużew Nazzjonali, kif ukoll fil-Librerija tal-Università

Kull ħlas għandu jintbgħat **BISS** lit-teżorier, is-Sur J.F.Porsella Flores, 69, Triq il-Palma, Paola.

**Kitba Għall-Imnara**

Kull kitba biex tiġi pubblikata f'L-IMNARA tista' tkun bil-Malti jew bl-Ingliż u għandha tkun DEJJEM ORIĠINALI, u qatt ma tkun pubblikata qabel band'oħra, u preferibbilment ta' nteress lokali. Il-indirizz ta' l-Editur huwa 78, Triq San Trofimus, Tas-Sliema SLM 02.